10/9/2024

# Philatelic Issue - SEPAC 2024 – Main Tourist Attractions

MaltaPost is a member of the Small European Postal Administrations Cooperation (SEPAC), an association of 13 European postal authorities. Each year, a joint stamp issue bearing a common theme is launched by all member countries. The theme chosen for 2024 is “Main Tourist Attractions”. In this regard, MaltaPost is launching a set of four stamps depicting popular tourist attractions in Malta and Gozo. All photography is by Daniel Cilia, one of Malta’s foremost photographers.

The €0.45 stamp portrays an aerial view of Mġarr Harbour. The Mosta Dome, one of Malta’s largest and most famous churches, is featured on the €0.65 stamp. The €1.91 stamp shows a panoramic view captured from inside Mixta Cave in Nadur, Gozo. The inside of the Blue Grotto sea caverns feature on the €3.85 stamp.

This set will be issued in a sheet of 10 stamps, with each stamp measuring 44mm x 31mm, with a comb perforation of 13.9 x 14.0 and bearing the Maltese Cross watermark. The sheets measure 185mm x 118mm and were produced by Printex Ltd in the offset process. The issue consists of 300,000 of the €0.45 stamp, 50,000 of the €0.65 stamp, 60,000 of the €1.91 stamp and 50,000 of the €3.85 stamp.

The stamps will be available from all Post Offices in Malta and Gozo from Monday 16 September 2024. Orders may be placed online at www.maltaphilately.com or by mail from the Philatelic Bureau, MaltaPost p.l.c., 305, Qormi Road, Marsa, MTP 1001; by telephone 2596 1740 or via e-mail info@maltaphilately.com



10/9/2024

# Ħarġa Filatelika - SEPAC 2024 – Attrazzjonijiet Turistiċi Ewlenin

MaltaPost hija membru tas-"Small European Postal Administrations Cooperation" (SEPAC), assoċjazzjoni ta' 13-il awtorità postali Ewropej. Kull sena, titnieda ħarġa konġunta ta' bolli b'tema komuni mill-pajjiżi membri kollha. It-tema magħżula għall-2024 hija "Attrazzjonijiet Turistiċi Ewlenin". F'dan ir-rigward, MaltaPost qed tniedi sett ta' erba' bolli li juru attrazzjonijiet turistiċi popolari f'Malta u Għawdex. Il-fotografija hija xogħol Daniel Cilia, wieħed mill-aqwa fotografi ta'Malta.

Il-bolla ta' €0.45 turi veduta mill-ajru tal-Port tal-Imġarr. Il-Koppla tal-Mosta, waħda mill-akbar u l-aktar knejjes famużi f'Malta, tidher fuq il-bolla ta' €0.65. Il-bolla ta' €1.91 turi veduta panoramika meħuda minn ġewwa l-għar ta'Mixta fin-Nadur, Għawdex, u fuq il-bolla ta' €3.85 hemm veduta interna tal-għerien tal-"Blue Grotto" ġewwa ż-Żurrieq.

Dan is-sett jinħareġ f'folja ta' għaxar bolli, b'kull bolla ta' daqs 44mm x 31mm, b'perforazzjoni ta' 13.9 x 14.0 u għandha "watermark" bis-salib ta' Malta. Kull folja hija ta' daqs 185mm x 118mm u ġiet stampata minn Printex Limited bi proċess offset. Il-ħarġa tikkonsisti f'300,000 bolla tat-€0.45, 50,000 bolla tas-€0.65, 60,000 bolla tal-€1.91 u 50,000 bolla tat-€3.85.

Din il-ħarġa filatelika se tkun għall-bejgħ mill-Fergħat Postali f' Malta u Għawdex mit-Tnejn 16 ta' Settembru 2024. Ordnijiet jistgħu jsiru onlajn fuq https://www.maltaphilately.com/ jew bil-posta mill-Philatelic Bureau, MaltaPost p.l.c., 305, Triq Ħal Qormi, Marsa, MTP 1001 – telefon 2596 1740 – email info@maltaphilately.com